MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (GHAWDEX) GURISDIZZJONI INFERJURI

## MAGISTRAT DR. PAUL COPPINI

Seduta tas-17 ta' Ottubru, 2012

Avviz Numru. 19/2007

**Joseph Said**

**vs**

**Reverendu Mario Cassar**

**Illum l-Erbgħa, 17 ta' Ottubru 2012**

Il-Qorti,

Rat l-Avviż li permezz tiegħu l-attur talab lill-konvenut jgħid għaliex m'għandux jiġi kkundannat li prevja d-dikjarazzjoni li l-programm tal-konvenut imxandar fuq fis-seba' (7) ta' Settembru elffejn u seba' (2007), permezz ta' programm tar-Radju trasmess minn Radju Luminarja bl-isem "Imwieġeb" il-konvenut ta malafama lill-attur u offendih, billi waqt l-imsemmi programm ippreżentat minnu stess, il-konvenut attribwixxa lil attur imputazzjonijiet speċifiċi li jistgħu jwasslu għall-inġurja, nuqqas ta' reputazzjoni jew li jseponuħ għar-redikolu jew

disprezz tal-pubbliku; u billi f'dak il-programm ir-Reverendu Cassar attakka lil attur kemm il-darba u għamel referenza għalih b'mod idspreġġattiv. Ir-Referenza għal-attur hija waħda espliċita u evidenti tant li isem l-attur jissemma għal aktar minn għaxar (10) darbiet; u billi l-konvenut uża kliem inġurjuż meta jindirizza lil attur bħal: "int tiġi titkellem b'dan il-mod arroganti minn fuq stazzjon tal-knisja din x'serjeta l-kelliem tagħna inqed bil-qaddis San Ġorġ Preca mhux biex jgħallem imma biex jinsinwa u jattakka" tant li huwa ċar u manifest. Kif ukoll kliem ieħor bħal: "jiġġudikani u jikkundannani dan kollu huwa insinwazzjoni u tixwix". Barra minn hekk il-konvenut irredikola b'mod espliċitu matul il-programm kollu lil attur bi kliem bħal "Qegħdin taraw kif dan is-Sinjur Said li qatt ma għandu kwiet jinqeda bil-programm tiegħu biex forsi jinsinwa personalment u jgħawweġ xi fatti", jikkostitwixxi malafama u dannu lill-attur;

Prevja d-dikjarazzjoni li l-konvenut hu ħati ta' malafama;

Prevja il-likwidazzjoni tal-kumpens dovut lill-attur in linea ta' danni f'somma li ma teċċedix l-elf lira maltija (Lm1,000) minnu sofferti għal din il-malafama;
Tħallas lill-attur l-ammont hekk likwidat kif fuq imsemmi.

Rat in-Nota ta' l-Eċċezzjonijiet tal-konvenut li eċċepixxa illi:

1. Illi t-talbiet attriċi huma infondati u fid-dritt u fil-fatt kif ser jirriżulta fil-mori u fit-trattazzjoni tal-kawża u għalhekk għandhom jiġu miċħuda bl-ispejjez kontra l-attur;

Salvi eċċezzjonijiet ulterjuri;

Bl-ispejjeż u bir-riserva ta' kull dritt u azzjoni kompetenti lill-konvenuti skond il-Liġi.

Rat id-digriet taghħa tas-16 ta' Mejju 2012 fejn il-kawża tħalliet għal-lum għas-sentenza.

Rat in-Nota ta' l-Osservazzjonijiet tal-konvenut.

Rat l-atti l-oħra kollha tal-kawża, inklużi l-verbali tax-xhieda mismugħa u d-dokumenti esebiti.

Ikkunsidrat:

Illi permezz ta’ din il-kawża l-attur qed ifittex li jiġi kkumpensat minħabba l-malafama li jallega li saritlu mill-konvenut b’dak li qal f’programm tar-radju. Ġara illi fit-22 ta’ Gunju 2007 l-attur xandar programm f’sensiela ta’ programmi msejħa “*In-Nadur Dari u Llum*” li kellu fuq l-istazzjon lokali Radju Luminarja mmexxi mill-Parroċċa tan-Nadur. Fih indirizza l-kwistjoni ta’ xi alterazzjonijiet li kienu ntenzjonati li jsiru fil-Knisja Parrokkali biex titkabbar is-sagristija u jiġi akkomodat ajħar l-istudio tar-radju. F’dan il-programm l-attur għamel referenza, mingħajr ma semma ismu, għal qassis li oġġezzjona għal dan il-proġett ma’ l-Awtorita’ ta’ Malta għall-Ambjent u Żvilupp u donnu ta x’wieħed jifhem illi l-istess proġett ma seħħx minħabba l-ostakoli li għamel dan il-qassis. Il-konvenut, li ħassu urtat b’dak li kien intqal, fittex li jkollu dritt ta’ risposta fuq l-istess stazzjon tar-radju, biex ikun jista’ jiribatti dak li huwa fehem li l-attur qal fuqu. Huwa ngħata din l-opportunita’ fil-progamm “*Inwieġeb*” imxandar fis-7 ta’ Settembru 2007.[1] L-attur qed isostni li l-konvenut immalafamah, offendih u attribwilu imputazzjonijiet speċifiċi li jistgħu iwasslu għall-inġurja, nuqqas ta’ reputazzjoni jew li jseponuh għar-redikolu jew disprezz tal-pubbliku, bl-użu ta’ kliem bħal dak indikat fl-Avviż.

Billi fil-każ in eżami qed jiġi allegat li saret malafama bil-mezzi tax-xandir u mhux bil-kitba stampata, għandhom japplikaw ir-regoli riferibbli għal dak li bl-ingliż jissejjah “***slander***”. Kif jgħallem l-Odgers:

“*Words which are clearly defamatory when written and published may not be actionable when merely spoken…Spoken defamatory words are actionable whenever special damage has in fact resulted from their use. They are also actionable when the imputation cast by them on the plaintiff is on the face of it so injurious that the*

[1] Ara transcript ta’ dan il-programm esebit bhala Dok.JS C 1 a fol. 18 – 22 tal-process

*Court will presume, without any proof, that his reputation has been thereby impaired. And the Court will so presume in four cases:-*

*I. When the words charge the plaintiff with the commission of a crime; or,*

*II. Impute to him a contagious disease tending to exclude him from society; or,*

*III. Are spoken of him in the way of his office, profession or trade; or,*

*IV. Impute unchastity, or adultery to any woman or girl.*

*In no other case are spoken words actionable, unless they have caused some special damage to the plaintiff*." [2]

Peress li fil-każ in eżami mkien ma rriżulta li teżisti xi waħda miċ-ċirkostanzi msemmija fl-erba' paragrafi ta' hawn fuq, biex it-talbiet ta' l-attur ikunu jistgħu jirnexxu għandha tapplika l-kundizzjoni ndikata u ċioe' li jrid jiġi ppruvat li dawn il-kliem tassew ikkawżaw xi danni partikolari lill-attur. Kif ikompli jispjega l-istess attur:

" *No other words are actionable without the proof of special damage. Thus, to accuse a man of fraud, dishonesty, immorality or any vicious and dishonourable (but not criminal) conduct is not actionable, unless it has produced as its natural and necessary consequence some pecuniary loss to him. Words imputing adultery, profligacy, immoral conduct, etc., even when spoken of a man holding an office or carrying on a profession or business, will not be actionable, unless they relate to his conduct in that office, profession or business, or otherwise injure him therein*."[3]

---

[2] W.Blake Odgers : A Digest of the Law of Libel and Slander and of Actions on the Case for Words Causing Damage: 6th ed. 1929 Ch.3 pg.35
[3] Op.cit. pg.63

Bħala eżempju tal-ħsara azzjonabbli l-Odgers isemmi din is-sitwazzjoni:

"*To say of a man, 'He is the reputed father of that bastard child,' is not actionable without proof of some temporal loss, e.g. 'that he lost thereby his marriage, or that he by this means should be chargeable for the maintenance of such bastard child*." (Salter v. Browne, Cro. Car.436)." [4]

L-attur ppresenta l-affidavit tiegħu u anke xehed in kontro-eżami. Imkien ma allega li kienet saritlu xi ħsara speċjali bħal dik imfissra f'din id-dottrina, u wisq anqas indika kif setgħet saritlu tali ħsara. Anzi tant kemm huwa stess ma ħassx li kienet saritlu din il-ħsara, illi meta ġie mistoqsi in kontro-eżami biex jispjega b'liema mod kien ħassu inġurjat, wieġeb li billi kien għadda ż-żmien, kien nesa x'kien intqal fil-programm in kwistjoni mill-konvenut. Lanqas ix-xhieda minnu prodotti, u speċifikament l-ex-arċipriet tan-Nadur u l-qassis li kien responsabbli minn dan l-istazzjoni tar-radju, għalkemm sostnew li kienet saret malafama ma' l-attur, ma kienu kapaċi jfissru kif il-kliem użat mill-konvenut seta' b'xi mod għamel ħsara lill-attur.

Għaldaqstant għalkemm xi kliem bħal dak indikat fl-Avviż u użat fil-programm in kwistjoni mill-konvenut seta' kien xi ftit jew wisq iebes fil-konfront ta' l-attur, dan bl-ebda mod ma rriżulta li kellu xi konsegwenzi fuqu tant li kkawżawlu xi ħsara speċjali kif imfissra hawn fuq, u għalhekk it-talbiet tiegħu ma jistgħux jintlaqgħu.

Għal dawn il-motivi, tiddeċiedi l-kawża billi tiċħad it-talbiet attriċi, bl-ispejjeż kontra l-attur.

**< Sentenza Finali >**

---------------------------------TMIEM---------------------------------

[4] Ibid.